Nru. 17,870
Prezz 16c
Price 16c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 26 ta' Jannar, 2006
Thursday, 26th January, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 89

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar it-Tlieta, l-24 ta' Jannar, 2006 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 81 tat-23 ta' Jannar, 2006 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

L-24 ta' Jannar, 2006
(OPM 3/2006)

GOVERNMENT NOTICES

No. 89

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Tuesday, 24th January, 2006 and that the arrangements made by Government Notice No. 81 of the 23rd January, 2006, ceased to have effect accordingly.

24th January, 2006

Nru. 90

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Joseph Abela bħala Nutar delegat/konservatur ta' l-atti tan-Nutar Dott. Josette Cauchi, sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer matul il-perjodu bejn nhar l-Erbgħa, il-25 ta' Jannar 2006 u l-Ħadd, id-29 ta' Jannar, 2006.

Joelle Camilleri, B.Com.
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

L-24 ta' Jannar, 2006

No. 90

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Joseph Abela as a delegate keeper for the acts of Notary Dr Josette Cauchi, during the latter's absence from these Islands for the period starting Wednesday, 25th January 2006 till Sunday 29th January 2006.

Joelle Camilleri, B.Com.
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

24th January, 2006

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

L-Avviż mill-Kummissjoni Elettorali bid-data tas-26 ta' Jannar, 2006, li huwa riprodott hawn taħt, huwa ppubblikat għall-finijiet tar-Regolament 15(2) tat-Tielet Skeda ta' l-Att Nru. XV ta' l-1993.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Is-26 ta' Jannar, 2006

Avviż mill-Kummissjoni Elettorali

Il-Kummissjoni Elettorali mwaqqfa skond l-artikolu 60 tal-Kostituzzjoni b'dan tgħarraf li, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, se ssir elezzjoni fil-lokalitajiet ta' Mdina, Bormla, Żabbar, Rabat (Għawdex), Birkirkara, Fgura, Gudja, Għarb, Għaxaq, Kalkara, Lija, Marsaskala, Mġarr, Msida, Naxxar, Pietà, Rabat, San Ġwann, Sannat, Sliema, Tarxien, Xgħajra u Mtarfa, nhar is-Sibt, il-11 ta' Marzu, 2006.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Is-26 ta' Jannar, 2006

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

The Notice by the Electoral Commission dated 26th January, 2006, reproduced hereunder, is published for the purpose of Regulation 15(2) of the Third Schedule of Act No. XV of 1993.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

26th January, 2006

Notice by the Electoral Commission

The Electoral Commission established in terms of section 60 of the Constitution hereby notifies that in virtue of the provisions of the Local Councils' Act, 1993, an election is being held in the localities of Mdina, Bormla, Żabbar, Rabat (Gozo), Birkirkara, Fgura, Gudja, Għarb, Għaxaq, Kalkara, Lija, Marsaskala, Mġarr, Msida, Naxxar, Pietà, Rabat, San Ġwann, Sannat, Sliema, Tarxien, Xgħajra and Mtarfa, on Saturday, 11th March, 2006.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

26th January, 2006

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 3 ta' l-2006

Xogħlijiet ta' Munutenzjoni fuq il-Pipeline ta' l-Ilma tax-Xorb bejn Tigné u Valletta

Il-baħħara huma avżati li se jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-*pipeline* ta' l-ilma tax-xorb bejn Tigné u Valletta minn naħa ta' Tigné. Għal dan ix-xogħol hija meħtieġa ħidma minn għaddasa li se jkunu megħjuna mil-lanċa ta' l-għaddasa *Kirby* u li se ttajjar International Code Flag "A" matul il-ħidma.

Ix-xogħlijiet huma mistennija li jibdew nhar l-Erbgħa l-1 ta' Frar 2006 u għandhom jitlestew nhar l-Erbgħa, it-22 ta' Frar 2006, jekk it-temp jippermetti.

Skond ir-Regolamenti ta' l-1975 dwar l-Irmiġġ, u skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, (Kap. 352), id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jordna illi l-bastimenti u inġenji tal-baħar kollha li jkunu jbaħħru fil- jew 'il barra mill-

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 3 of 2006

Maintenance Works on Tigné - Valletta Fresh Water Pipeline

Mariners are advised that maintenance works will be carried out on the Tigné - Valletta Fresh Water Pipeline at the Tigné end. Diving is required to carry out these works. A Diving Launch *Kirby* will be assisting in the diving operations. The launch will fly the International Code Flag "A" when diving operations are being carried out.

The works are expected to commence on Wednesday 1st February 2006 and are expected to be completed by Wednesday 22nd February 2006 weather permitting.

In terms of the Berthing Regulations 1975, and in terms of Article 7 of the Malta Maritime Authority Act (Cap. 352) the Executive Director (Ports) directs that all vessels and craft manoeuvering into or out of Marsamxett Harbour near Tigné

Port ta' Marsamxett ħdejn Tigné għandhom jgħaddu bil-mod ħafna. Il-baħħara huma avżati biex iżommu distanza ta' 150 metru 'l boghod miċ-ċentru tal-*co-ordinates* li ġejjin:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35° 54'.32	14°30'.77

Il-pożizzjoni tirreferi għal WGS 84 Datum.

Chart milquta: BA *Chart* 177

Is-26 ta' Jannar, 2006

must proceed at very slow speed. Mariners are warned to give a wide berth of 150 metres centered on the following co-ordinates:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 54'.32	14°30'.77

Position is referred to WGS 84 Datum.

Chart affected: BA Chart 177

26th January, 2006

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Università ta' Malta
Eżamijiet tal-Matrikola

Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja (SEC)
Sessjoni Mejju/Settembru 2005

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li ċ-ċertifikati ta' l-eżamijiet imsemmija hawn fuq waslu.

Kandidati li tressqu għall-eżami mill-iskola għandhom jiġbru ċ-ċertifikat mill-iskejjel tagħhom.

Kandidati privati għandhom jiġbru ċ-ċertifikati minn:

Kandidati f'Malta:–
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
Il-Furjana

Kandidati f'Għawdex:–
Ċentru ta' l-Eżamijiet,
Ir-Rabat,
Għawdex

Importanti

Kandidati privati għandhom jiftakru illi ċ-ċertifikati jistgħu jinġabru meta jippreżentaw il-Karta ta' l-Identità u r-*result slip*.

Jekk iċ-ċertifikat jinġabar mill-ġenitur (tutur legali), għandhom jintwerew il-Karta ta' l-Identità tal-ġenitur (tutur legali) u tal-kandidat.

Is-26 ta' Jannar, 2006

EXAMINATIONS DEPARTMENT

University of Malta
Matsec Examinations

Secondary Education Certificate (SEC)
May/September 2005 Session

The Director of Examinations notifies candidates that the certificates in respect of the above examinations have been received.

School presented candidates are to collect their certificates from their school.

Private candidates are to collect the certificates from:

Malta Candidates:–
Examinations Department,
Floriana

Gozo Candidates:–
Examinations Centre,
Victoria,
Gozo

Important

Private Candidates are reminded that certificates can only be collected on presentation of their Identity Card and result slip.

If the parent (legal guardian), collects the certificate, the Identity Card of both the parent (legal guardian) and the candidate should be presented.

26th January, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

203

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-1 ta' Novembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Camilleri Paris Mode Ltd ta' "Fabrics House", St Catherine Street, Rabat RBT02, ippreżentaw Talba fis-26 ta' Awissu 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Marcel Loporto ta' 6B, Lowndes Park, Bay Street, San Ġiljan sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u tliet liri Maltin u tnax-il ċenteżmu (Lm1,003.12) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 1667/04PM) hija differita għall-20 ta' Frar 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 23 ta' Jannar 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 1st November 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Camilleri Paris Mode Ltd of "Fabrics House", St Catherine Street, Rabat RBT02, filed a Claim on the 26th August 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn Marcel Loporto of 6B, Lowndes Park, Bay Street, St Julians, to pay the plaintiff company the sum of one thousand and three Maltese liri and twelve cents (Lm1,003.12) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 1667/04PM) is put off on the 20th February 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 23rd January 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

204

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Jannar 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 899/05 GCD fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C 2833) vs Robert Cassar ID 82970(M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 18793) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Settembru 2005, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Robert Cassar ID 82970(M), is-soċjetà rikorrenti esponiet bir-rispett;

Illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, mogħtija fil-15 ta' Marzu 2000, fl-ismijiet 'Bank of Valletta p.l.c. vs Robert Cassar' (Ċitazz Numru 1659/99RCP) (Dok A) is-soċjetà esponenti ġiet kanonizzata kreditriċi ta' l-intimat Robert Cassar fis-somma ta' elfejn ħames mija u erba' liri Maltin u sitta u sittin ċenteżmu (Lm2,504.66) kwantu għal elfejn mitejn u tnax-il lira Maltin u tlieta u tmenin ċenteżmu (Lm2,212.83) sorte u kwantu għal mitejn u wieħed u disgħin liri Maltin u tlieta u tmenin ċenteżmu (Lm291.83) spejjeż tal-kawża skond taxxa hawn anessa u markata Dok 'B' flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1998, sal-jum tal-effettiv pagament.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 10th January 2006, in the records of the Writ of Summons Number 899/05 GCD in the names Bank of Valletta plc (C 2833) vs Robert Cassar ID 82970(M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the First Hall Civil Court on the 28th September 2005, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Robert Cassar (ID 82970M), the applicant company pleaded with respect;

That by a judgement of this Honourable Court given on the 15th March 2000, in the names 'Bank of Valletta p.l.c. vs Robert Cassar' (Writ of Summons Number 1659/99RCP) (DOC A) the applicant company was declared a creditor of the respondent Robert Cassar in the sum of two thousand five hundred and four liri and sixty six cents (Lm2,504.66) as for two thousand two hundred and twelve Maltese liri and eighty three cents (Lm2,212.83) capital and as for two hundred and ninety one Maltese liri and eighty three cents (Lm291.83) expenses of the cause according to the taxed bill hereby attached and marked Doc'B' together with further interests from the 1st October 1998, till the day of effective payment.

Illi, l-kreditu ta' l-esponenti llum jammonta għal disa' mija u tnejn u għoxrin liri Maltin sebgħin ċenteżmu u sitt milleżimi (Lm922.706) flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-20 ta' Settembru 2005, sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi għaddew aktar minn ħames (5) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setgħet tiġi eżegwita u d-debitu tal-konvenuti sallum għadu ma tħallasx u għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha teżegwixxi s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti mogħtija fil-15 ta' Marzu 2000, fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta' disa' mija u tnejn u għoxrin liri Maltin, sebgħin ċenteżmu u sitt milleżmi (Lm922.70ċ6) flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-20 ta' Settembru 2005, sad-data ta' l-effettiv pagament kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

Soċjetà rikorrenti: Bank of Valletta p.l.c.
173, St. Christopher Street, Valletta.

Notifika: Robert Cassar
'Marylou'
Triq il-Franċiż
Swieqi.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 23 ta' Jannar 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That, the credit of the applicant today amounts to nine hundred and twenty two Maltese liri seventy cents and six mils (Lm922.706) together with further interest from the 20th September 2005, till the day of effective payment.

That more than five years elapsed from when the judgement above mentioned could have been executed and the debt of the defendants has not been paid till this day and this application had to be made.

Thus the applicant company humbly prays that it be authorized by this Honourable Court, to execute the judgement of this Honourable Court given on the 15th March 2000 in the names above mentioned in order to obtain of nine hundred and twenty two Maltese liri seventy cents six mils (Lm922.70c6) together with further interest from the 20th September 2005, till the date of effective payment as well as the costs of this cause.

Applicant company: Bank of Valletta p.l.c.
173, St. Christopher Street, Valletta.

Notify: Robert Cassar
'Marylou'
Triq il-Franċiż
Swieqi.

Registry of the Superior Courts, today 23rd January 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunal

205

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Novembru 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 4153/05, fl-ismijiet Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa vs Emmanuel Aquilina et pro et noe, ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lill-intimati, bil-pubblikazzjoni a tenur ta l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 26 ta' Settembru 2005.

Lil Emmanuel Aquilina u John Aqulina f'isimkom personali kif ukoll bħala diretturi għan-nom u in rappreżetanza tas-soċjetà Sand and Gravel Ltd.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jinterpellakom ai termini ta' l-Artikolu 59 ta' l-Att XII ta' l-1994, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont globali ta' erbgħa u sittin elf, seba' mija u sebgħa u tmenin lira Maltin u sebgħin ċenteżmu (Lm64,787.70) rappreżentanti ammont dovut minnkom pro

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 25th November 2005, in the records of the judicial letter number 4153/05, in the names Director of Customs and Excise vs Emmanuel Aquilina et pro et noe, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondents by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 26th September 2005.

To Emmanuel Aquilina and John Aquilina in your own name and as directors in the names and representation of the company Sand and Gravel Ltd.

By the present, the Commissioner for Value Added Tax calls upon you in terms of Article 59 of Act XII of 1994, so that within two days (2) from the service of this act, you pay the global amount of sixty four thousand seven hundred and eighty seven Maltese liri and seventy cents (Lm64,787.70) representing amount due by you pro et noe, according to the

et noe, skond l-istess Att; in kwantu għal erbgħa u għoxrin elf, mija u disgħa u disgħin lira Maltin u sebgħin ċenteżmu (Lm24,199) u sebgħin ċenteżmu (Lm24,199.70) taxxa pura in kwantu għal seba' mitt lira Maltin (Lm700) multa amministrattiva talli d-denunzji li ntbagħtu tard u in kwantu għal disgħa u tletin elf, tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm39,888) interessi sal-15 ta' Awissu 2005.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond dal-Att sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra tagħkom permezz ta' l-avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas il-mittenti javżakom li ser jgħaddi sabiex jezegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom permezz ta' l-Avviz li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant biex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Mittenti: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notifiki Intimati: 1. Emmanuel Aquilina, 116, 'Antartica' Triq il-Qasam, is-Swieqi.

2. John Aquilina, 'Aquilina Buildings' Flat 1 , Triq il-Qantar, is-Swieqi.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 18 ta' Jannar 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

same Act and as for twenty four thousand one hundred ninety nine Maltese liri and seventy cents (Lm24,199.70) being all tax, and as for seven hundred Maltese liri (Lm700) administrative fine, because the returns were lately filed, and as for thirty nine thousand eight hundred eighty Maltese liri (Lm39,888) interests till the 15th August 2005.

With costs and interest according to that act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particularly but not exclusively to render executable the executive title which the same Commissioner for Value Added tax has against by means of a notice sent to you.

Failing which the interpellant warns you that he shall pass to execute the said executive title he has against by means of the Notice sent to you.

Failing which, the interpellant warns you that he shall pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Interpellant: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Services Respondents: 1. Emmanuel Aquilina, 116, 'Antartica', Qasam Street, Swieqi.

2. John Aqulina, 'Aquilina Buildings' Flat 1, Qantar Street, Swieqi.

Registry of the Superior Coiurts, today 18th January 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

206

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' April 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 441/05, fl-ismijiet 1. Bank of Valletta p.l.c. 2. Raymond Mercieca vs Francis Chetcuti, ordnat illi s-segwenti pubblikazzjoni, tiġi notifikata lil intimat bil-pubblikazzjoni, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 18 ta' Jannar 2005

Lil Francis Chetcuti

Permezz tal-preżenti , is-soċjetà Bankarja Bank of Valletta p.l.c. u Raymond Mercieca jirrespinġu l-pretensjonijiet kontenuti fl-ittra uffiċjali tiegħek ta' l-14 ta' Diċembru 2004, bħala infondati kemm fil-fatt u fid-dritt u dan partikolarment

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 12th April 2005, in the records of the judicial letter number 441/05, in the names 1. Bank of Valletta p.l.c. 2. Raymond Mercieca vs Francis Chetcuti, ordered that the following publication be served upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 18th January 2005

To Francis Chetcuti

By the present, the banking company Bank of Valletta p.l.c. and Raymond Mercieca, reject the claims contained in your judicial letter of the 14th December 2004, as unfounded both in fact and at law and this particulary because the interpellant

peress illi l-mittent Raymond Mercieca ċċertifika l-identità tiegħek fuq istruzzjonijiet tiegħek stess u fuq ta' ħadd aktar kif minnek allegat fl-imsemmija ittra.

Di piu', inti qed tiġi interpellat sabiex fi żmien jumejn inti tirtira l-allegazzjonijiet inveritjieri magħmula fil-konfront tal-mittenti permezz ta' l-imsemmija ittra uffiċjali u fin-nuqqas il-mittenti jgħarrfuk illi huma qed jirriżervaw li jipproċedu kontra tiegħek skond il-liġi u dan partikolarment imma mhux esklussivament għad-danni li qed tikkawża lilhom kif ukoll bl-opportuni proċeduri tal-jattanza.

Daqstant sabiex inti tagħraf tidderieġi ruħek.

Bl-ispejjeż.

Mittenti: 1. Bank of Valletta p.l.c.
2. Raymond Mercieca
173, St. Christopher Street, Valletta.

Intimat: Francis Chetcuti
Franwin, 19, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati(Malta) illum 23 ta' Jannar 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Raymond Mercieca ascertained your identity on your instructions an nobody else's as alleged in your letter.

Furthermore, you are being called so that within two days you withdraw the untrue allegations, made against the interpellant by means of the said judicial letter and failing which the interpellants inform you that they are reserving to proceed against you according to law and this particulary but not exclusively for the damages you are causing to them, as well as the opportune jactitation proceedings.

So much so that you may know how to proceed.

With costs.

Interpellant: 1. Bank of Valletta p.l.c.
2. Raymond Mercieca
173, St. Christopher Street, Valletta.

Respondent: Francis Chetcuti
Franwin, 19, Saint Mary Street,
Tarxien.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 23rd January 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunal

207

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Ottubru 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 5342/05, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Interni vs M.A.C.R.A. LTD, ordnat ili l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 15 ta' Ġunju 2005

Lil M.A.C.R.A. Ltd.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' elfejn u erba' mija u erbgħa u tletin lira Maltin (Lm2,434) fi ħlas lura ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-sena ta' stima 1974, 1975, 1976, 1977, 1978, 1979, 1980, 1981, 1982, 1983, 1984, 1985, 1986, 1987, 1988, 1989, 1990 u 1991 skond l-avviż hawn unit 'animo ritirandi' u mmarkata Dok. 'A'.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek u li kopja tagħha wkoll annessa 'animo ritirandi' u mmarkata Dok. 'B'; il-mittent javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fi żmien hawn lilek prefiss huwa jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini ta' l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 17th October 2005, in the records of the judicial letter number 5342/05, in the names Commissioner of Inland Revenue vs M.A.C.R.A. Ltd, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 15th June 2005

To M.A.C.R.A. Ltd.

The Commissioner of Inland Revenue calls upon you so that within two days you pay the sum of two thousand four hundred and thirty four Maltese liri (Lm2,434) in arrears of income tax or provisional tax for the year of assessment 1974, 1975, 1976, 1977, 1978, 1979, 1980, 1981, 1982, 1983, 1984, 1985, 1986, 1987, 1988, 1989, 1990 and 1991 according to the notice hereby attached ' animo ritirandi' and marked Doc. 'A'.

Whereas you failed to pay the amount due despite of the demand for payment made to you and a copy of which is also attached 'animo ritirandi' and marked Doc. 'B' the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time above fixed he shall proceed to the execution of the title obtained in terms of Article 40 of the Act regarding the Administration of Tax.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Intimat: M.A.C.R.A.LTD
35,
Triq l-Ifran
Valletta VLT 09

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati(Malta) illum 23 ta' Jannar 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Pay the costs of this act.

Respondent: M.A.C.R.A.LTD
35,
Old Bakery Street
Valletta VLT 09

Registry of the Court of Magistrates(Malta) today 23rd January 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

208

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Diċembru 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 5391/05, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Moda Enterprises Ltd, ordnat ili l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 15 ta' Ġunju 2005

Lil: Moda Enterprises Ltd

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' sitt mija u sebgħa u tletin lira Maltin (Lm637) fi ħlas lura ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-sena ta' stima 1989, skond l-avviż hawn unit 'animo ritirandi' u mmarkata Dok. 'A'.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek u li kopja tagħha wkoll annessa 'animo ritirandi' u mmarkata Dok. 'B'; il-mittent javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fi żmien hawn lilek prefiss huwa jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini ta' l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Intimat: Moda Enterprises Ltd
116,
Ix-Xatt
Sliema SLM 07
Malta

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 23 ta' Jannar 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 1st December 2005, in the records of the judicial letter number 5391/05, in the names Commissioner of Inland Revenue vs Moda Enterprises Ltd, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 15th June 2005

To Moda Enterprises Ltd

The Commissioner of Inland Revenue calls upon you so that within two days you pay the sum of six hundred and thirty seven Maltese liri (Lm637) in arrears of income tax or provisional tax for the year of assessment 1989, according to the notice hereby attached ' animo ritirandi' and marked Doc 'A'.

Whereas you failed to pay the amount due despite of the demand for payment made to you and a copy of which is also attached 'animo ritirandi' and marked 'Doc 'B' the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time above fixed he shall proceed to the execution of the title obtained in terms of Article 40 of the Act regarding the Administration of Tax.

Pay the costs of this act.

Respondent: Moda Enterprises Ltd
116,
The Ferries
Sliema SLM 07
Malta

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 23rd January 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*